**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI L-ONOR. OWEN BONNICI U S-SEGRETARJU GĦALL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR U L-VALLETTA 2018 MAGĦMULA F'SEDUTA 72 TAT-22 TA' JANNAR 2018 DWAR IL-FTUĦ UFFIĊJALI TA' VALLETTA 2018**

***L-Onor. Owen Bonnici:***

Sur President,

Kemm jiena kburi li jiena Malti!

Kemm jiena kburi b'dak li kapaċi jagħmel il-poplu Malti u Għawdxi meta jkun magħqud ponn wieħed!

Dak li rajna s-Sibt li għadda, jiġifieri l-ftuħ uffiċjali ta' Valletta 2018, kien turija tat-talent eċċezzjonali tal-poplu Malti u Għawdxi.

U dan it-talent eċċezzjonali ma wrejniehx biss fostna hawn f'Malta, iżda segwewh nies mill-Ewropa kollha u d-diversi kontinenti.

Kull min inġabar f'waħda mill-erba' pjazez nhar is-Sibt li għadda kellu sens qawwi ta' kburija f'pajjizna. Kinitx il-pjazza mwellda mill-ġdid tat-Tritoni, kinitx il-faċċata ta' Kastilja jew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann – it-tnejn restawrati b'għozza kbira – jew inkella kienx il-palk fi Pjazza San Ġorġ, dawn il-postijiet kienu xhieda tal-kburija li l-poplu Malti u Għawdxi magħqud għandu f'dak li jagħmilna Maltin, fil-qalb tħabbat tal-poplu Malti favur pajjiżna.

Sur President,

Sħabi Membri Parlamentari,

Nhar is-Sibt li għadda, u konvint matul din is-sena, il-poplu bagħtilna u se jibgħatilna *reminder*, tfakkira importanti ħafna speċjalment lilna l-klassi politika.

Li ma hemmx blu jew aħmar jew kulur ieħor, ma hemmx jekk intix min-North jew mis-South, ma hemmx jekk intix Għawdxi jew Malti, jekk intix Kattoliku jew le, jekk intix konservattiv fil-ħsieb jew liberali, jekk twelidtx f'Malta jew inti Malti għax sirt.

Li jiswa' hu li aħna poplu Malti wieħed magħqud taħt il-bandiera sabiħa bajda u ħamra.

Sur President,

L-Onor Deo Debattista, ħabib għażiż tiegħi u Belti kburi, se jkun qed jagħti iktar dettalji dwar Valletta 2018.

Però ridt ngħaddi żewġ ħsibijiet qabel inħalli f'idejh.

L-ewwel ħsieb. Illum il-ġurnata, nista' bi kburija ngħid li l-kultura, għall-ewwel darba fl-istorja ta' pajjiżna, hija projrità bis-serjetà.

Il-kultura hija fattur li, kif jurina Valletta 2018, jista' jbiddel l-affarijiet. A *change-agent*.

Imma hija wkoll niċċa ekonomika – settur li joħloq il-karrieri u l-impjiegi.

Diġà tkellimt drabi oħra dwar il-fondi rekord li għandna għal din is-sena fis-settur kulturali u wkoll dwar l-eluf ta' nies li jaħdmu fis-settur kulturali u kreattiv. Illum irrid naqsam magħkom informazzjoni ekonomika inizzjali li ġejt infurmat biha proprju f'dawn il-jiem.

1) L-ewwel nett, ir-rata ta' tkabbir tal-industrija kreattiva u kulturali ssuperat il-bqija tal-ekonomija;
2) It-tieni nett, il-valur miżjud gross tal-industrija kreattiva u kulturali huwa ta' 7 fil-mija, ċjoè iktar minn, pereżempju, l-industrija tal-kostruzzjoni u servizzi tal-ikel. Niċeċ oħra partikolari tal-industrija kreattiva u kulturali, bħal pereżempju servizzi marbuta mal-patrimonju kulturali, il-persentaġġ jitla' iktar.
3) It-Tielet,il-valur miżjud gross tal-industrija kreattiva u kulturali għal kull persuna impjegata f'din l-industrija huwa stmat għal EUR 40,900 – li hu ogħla minn dak iġġenerat fil-manifattura u s-servizzi.
4) Ir-raba', rajna żieda ta' 5 fil-mija fl-impjiegi fl-industriji kreattivi u kulturali komparat mas-sena ta' qabel.

Hawnhekk fi kliem ieħor qed naraw l-irrankar ta' niċċa ekonomika ġdida f'livelli li qatt ma rajna bħalhom fl-istorja sabiħa ta' pajjizna.

It-tieni ħsieb huwa wieħed ta' ringrazzjament.

Valletta 2018 ma setax isir kieku ma kienx hemm il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi u l-Ministru għall-Kultura ta' dak iż-żmien Mario de Marco li emmnu f'dan il-proġett u ssottomettewh lill-Kummissjoni Ewropea. Kif diġà għamilt f'okkażjonijiet oħra, nirringrazzjahom.

Iż-żerriegħa, naturalment ma tagħtix il-frott jekk ma jkunx hemm min jagħti l-ħin, it-talent u l-enerġija tiegħu biex il-proġett jirrealizza ruħu.

Grazzi lill-Prim Ministru Joseph Muscat li ra f'Valletta 2018 opportunità biex il-Belt Valletta tiġi rriġenerata, lil Jason Micallef li ħadem bla heda u ta l-massimu tiegħu sabiex qed niktbu l-istorja flimkien u lil Catherine Tabone li ġabet magħha esperjenza vasta, inkluz minn istituzzjonjiet Ewropej ewlenin bħalma huma l-University of Cambridge.

Grazzi lill-artisti u l-professjonisti kollha involuti fl-immaniġġjar tal-arti. Grazzi lis-Sindku tal-Belt Alexiei Dingli u lill-Gvernaturi u ħaddiema kollha tal-Fondazzjoni 2018.

Għamiltuna kburin nhar is-Sibt u se tkomplu tagħmluna kburin fil-bqija tas-sena u fix-xhur ta' wara u ta' wara.

Issa bil-permess tal-Kamra nħalli l-kelma lill-kollega l-Onor Deo Debattista.

***L-Onor. Deo Debattista:***

Sur President,

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-Sibt li għadda, li laqgħet madwar 110,000 persuna fit-toroq tal-Belt Valletta, jiġifieri kwart tal-poplu Malti, bla dubju kienet suċċess. Dan grazzi għad-dedikazzjoni u l-ħidma li wettqu l-ħaddiema kollha tal-Fondazzjoni Valletta 2018, immexxija mill-kollega Jason Micallef. Diversi entitajiet oħra, bħall-GHRC, Enemalta, MTA, id-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni, Transport Malta, il-Kunsill Lokali, il-Pulizija u s-CPD ukoll kienu strumentali f'dan is-suċċess.

Valletta 2018 kienet possibbli għaliex fl-2012, il-Kummissjoni Ewropea għażlet lill-Belt Valletta bħala l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2018, sena wara li l-Gvern ta' dak iż-żmien, immexxi minn Dr Lawrence Gonzi, tefa' n-nomina tiegħu.

In-nomina oriġinali kienet tgħid li se jkunu allokati EUR 48 miljun għal Valletta 2018. Bi kburija, ngħid li dan il-Gvern baqa' leali ma' dan l-ammont allokat, u mar oltre.

Proġetti infrastrutturali f'diversi siti, ma kinux fil-pjan oriġinali ta' Valletta 2018, iżda, maż-żmien, il-Gvern u l-Fondazzjoni raw il-potenzjal ta' proġetti ta' dan it-tip fid-dawl ta' din is-sena unika.

Valletta 2018 hija l-ikbar investiment fil-kultura li qatt raw il-gżejjer tagħna. Huwa proġett nazzjonali li għalkemm jismu Valletta 2018, se jgawdu l-inħawi kollha ta' Malta u Għawdex. Għalhekk tajjeb li nfakkar, li 200 mill-400 avveniment ippjanat għal din is-sena se jsiru barra l-bibien tal-Belt Valletta, b'30 minnhom isiru f'Għawdex.

Ir-raġuni għaliex dan kien assigurat huwa sempliċi. Apparti li ridna li artisti minn kull rokna tal-gżejjer tagħna jingħataw opportunità xierqa, ridna ninkorporaw l-ispirtu kulturali li jgħaqqad lill-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Fuq kollox dik hija l-kultura. Il-kultura hija dak kollu li jikkaratterizza grupp ta' nies u l-għarfien tal-grupp: storja, lingwa, reliġjon, ikel, drawwiet, mużika, arti, kif ukoll l-imġiba u l-interazzjoni soċjali (definizzjoni mogħtija minn Christina De Rossi – Antropologa minn Barnet and Southgate College f'Londra).

B'din id-definizzjoni f'moħħna, issa se nagħmlu l-pass li jmiss f'dan ir-rigward – li nassiguraw legat kulturali b'saħħtu hekk kif jingħalaq is-siparju fuq is-sena 2018.

Kif ħabbart ftit tax-xhur ilu, il-Gvern u l-Fondazzjoni Valletta 2018 għaddejin b'diskussjonijiet sabiex titwaqqaf Aġenzija li se tiggarantixxi l-legat kulturali ta' Valletta 2018. Id-diskussjonijiet qed jiġu mfassla abbażi ta' ħames kriterji li huma l-aħjar pass 'il quddiem biex intejbu s-settur kulturali tagħna. Dawn huma:

- l-appoġġ finanzjarju;
- l-appoġġ politiku;
- il-kurżità soċjali;
- l-ambizzjoni kreattiva, u
- id-domanda pubblika.

Mill-aspett strutturali, se nħallu warajna numru ta' binjiet storiċi li tlesta xogħol ta' restawr fuqhom fl-aħħar żmien bħal Palazzo Ferreria, Palazzo Verdelin, il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Knisja tal-Ġiżwiti u l-Mużew Nazzjonali tal-Arti l-ġdid, il-MUŻA, li se jkun inawgurat uffiċjalment iktar tard din is-sena.

Dan hu l-bidu ta' era ġdida għall-Belt Valletta u għall-kultura f'Malta u Għawdex kollha. Era ġdida li tiggarantixxi l-espressjoni artistika għas-snin li ġejjin.

Grazzi ħafna.